


# Il-Festa tal-Lunzjata

minn Dun Ġwann Dimech

Fil-medda tas-snin bejn l-1601 sa mitejn sena ilu, il-festa titulari ta' Marija Annunzjata fil-Parroċċa tagħna ta' Ħal Balzan saret dejjem fil-jum liturġiku tal-25 ta' Marzu.

Fil-Viżta Pastorali tal-Isqof Mons. Tumas Gargallo, li għamel f'Ħal Balzan nhar l-4 ta' Diċembru 1601, insibu li sa qabel dakinhar la kien isir l-għasar ta' lejlet il-festa u lanqas ma kienet issir Quddiesa Kantata fil-jum tal-festa; kienet issir biss quddiesa letta. Iżda fir-relazzjoni tal-Viżtu msemmija, naqraw li kienet għadha kemm ġiet mogħtija biċċa art u dar lill-Knisja tal-Annunzjata biex b'hekk ikunu jistgħu: "isiru l-għasar ta' lejlet il-festa u l-Quddiesa Kantat f'nhar il-festa kif ukoll biex jitqassmu l-ikel lill-fqar." Nafu wkoll minn din l-istess Viżta li l-Kappillan ta' Birkirkara ta' dak iż-żmien, Dun Filippu Borg J.U.D. kien ta' kull sena jiġi jqaddes fil-Knisja tal-Lunzjata l-qadima biex iżomm id-drawwa li kellhom il-Kappillani ta' Birkirkara li ta' kull sena f'nhar il-festa tal-Annunzjata kienu jiġu jqaddsu f'din il-Knisja. Peress li Dun Filippu Borg kien minn Ħal Balzan, ħalla biċċa art biex ta' kull sena titqaddes quddiesa nhar il-festa.[1]

Sa minn meta Ħal Balzan sar Parroċċa għalih nhar l-14 ta' Awwissu 1655, kif ukoll sa minn meta l-Knisja Parrokkjali li għandna llum bdiet tiffunzjona bħala l-Knisja Parrokkjali nhar is-17 ta' Diċembru 1668[2], il-festa ta' Marija Annunzjata bdiet kull ma tmur tikber ta' kull sena.

F'din il-medda ta' mija u sebgħa u disgħin sena, saltnu f'Malta tlettax-il Gran Mastru. Mexxew id-Djoċesi disa' Isqfijiet u l-parroċċa ta' Ħal Balzan sa mis-sena 1655 kellha seba' Kappillani.

Miniex beħsiebni nidħol f'ħafna dettalji dwar tiżjin u armar li kienu jsiru għall-festa tal-Lunzjata, sija fil-knisja kemm ukoll barra. Nafu li dawn ma sarux f'daqqa iżda ħadu ż-żmien; tant hu hekk li sal-ġurnata tal-lum l-armar tal-Knisja u ta' barra għadu kull ma jmur jiżdied u jisbieħ. Biss inħoss li għandi nsemmi dak li l-aktar laqatni meta kont dan l-aħħar inqalleb il-kotba li fihom inżammu x'uħud mill-kontijiet tal-festa titulari bejn is-sena 1601 u s-sena 1780.

Hekk insibu li sa dak iż-żmien, id-damask tal-Knisja Parrokkjali kien għadu ma sarx u mingħajr damask fil-festa żgur li tilef parti integrali mit-tiżjin tagħna. Għalhekk insibu li l-Balzanin ta' dak iż-żmien irnexxielhom isibu knisja oħra li setgħet tislef id-damask tagħha u din il-knisja kienet dik ta' San Filippu tal-Isla. Ma kienx faċli li mill-ewwel insir naf minn liema knisja dan id-damask kien qed jinġieb. Meta bdejt inqalleb il-kontijiet wieħed wara l-ieħor, bdejt insib '*Per fitto di damasco, per barche, per pastasi portatura e riportatura*' jiġifieri 'għall-kiri tad-damask, għad-dgħajjes, għal dawk li ġarrewh lejn Ħal Balzan u lura'. Iżda fl-aħħar tfaċċa kont u warajh oħrajn li speċifikaw minn liema knisja dan id-damask kien qed jinġieb u semmew '*Affitto di Tapezzeria dalla Chiesa di San Filippo della Senglea*'.[3]

Kienet drawwa li fil-ġranet tal-festa titulari u f'xi festi oħra l-pavimenti tal-knejjes jiġu miksija bil-weraq tar-rand, klin, sagħtar u ħarrub. L-art tal-knisja tagħna kienet tiġi wkoll miksija b'dan il-weraq. Sibt li għall-okkażjoni tal-festa tal-Lunzjata, il-Balzanin kienu jġibu erba' mazzi ta' weraq mill-ġonna tal-buskett u tlettax-il qatta sagħtar[4].

Mix-xatt tal-Belt kienet jinxtraw erba' bramel qatran li kienu jużawh flimkien mal-injam għall-mixgħela.[5]

Għall-illuminazzjoni ta' barra kienu jikbru mijiet ta' lampi ikkulurit taż-żejt u dawn kienu jġibuhom minn Birkirkara u minn Ħal Lija.[6]

Sa ma sar l-orgni tal-Knisja, fl-1727, insibu li l-prokuraturi kienu jħallsu għall-kiri ta' orgni.[7]

Insibu wkoll li għal bosta snin kien imexxi l-mużika tal-festa l-maestro di Cappella s-Surmast Melchiore San Martin.[8]

Il-maskli kienu jinkrew minn Birkirkara, li nsibuha msejħa: '*Affitto delli mortaletti da Bella Cara*.'[9]

Kienet użanza sabiħa ħafna li l-Kappillan tal-

Parroċċa ta' Ħal Balzan qrib il-festa tal-Annunzjata, kien jikri kaless u kien imur jistieden lill-Gran Mastru kif ukoll lill-Isqof.[10]

Il-kalessi kienu wkoll jinkrew għall-predikatur tal-Paneġirku, kif ukoll xi drabi nsibu tliet kalessi għall-mużiċisti u għall-kantanti.[11]

Ta' min isemmi l-qubbajt, ħelu li hu marbut mal-festa tagħna. F'wieħed mill-kotba tal-kontijiet tal-Knisja Parrokkjali sibt il-qubbajt imsemmi; dan kien fis-sena 1746 meta ġie mogħti lill-abbatini li għamlu akkolti u ċensier fil-festa.[12]

Fis-sena 1759 insibu li jissemmew għall-ewwel darba t-tamborlini li ħadu sehem fil-festa. Dan kien meta l-prokuraturi kienu Dun Gian Indrì Magri u Mastru Gian Grixti.[13]

Nispiċċa billi nġib kopja ta' kont tal-festa:

Għal kaless biex jiġu mistiedna l-Gran Mastru u Monsinjur Arċisqof – 6 tarì, Xama tal-Pastilja nru 6 – skud, Kaless għall-Predikatur – 2 tarì; Maestro di Cappella – 37 skud; Żewġ kalessi u wieħed b'xejn għal tal-mużika – 2 skudi; 13-il qatta sagħtar – 7 tarì; Tnejn min-nies li ġabu u ħadu lura l-ħadid tal-illuminazzjoni bil-lampi minn Birkirkara u Ħal Lija – 2 tarì 8 grani; Kiri tad-damask mill-Knisja ta' San Filippu l-Isla – 6 skudi, 3 tarì, 10 grai; Trasport tad-damask bid-dgħajjes 2 tarì, 10 grani; Pastas li ġarr id-damask 3 tarì; Kiri tal-maskli minn Birkirkara 8 tarì; Lill-Bumbardiete 8 tarì; 4 irtal u nofs polvri u tliet tużżani sulfarelli 6 skudi, 2 tarì, 10 grani; 4 bramel qatran għall-fjammi 8 tarì; Tamborlini 8 tarì; 4 mazzi ħaxix mill-Buskett 1 skud.


Referenzi

1 Dimech – Ħal Balzan Nru 6
2 Suppliche 1668 – Kuria Arciv.
3 Arkiv. Parr – Lib. 48
4 Arkiv. Parr – Lib. 56
5 Arkiv. Parr – Lib Ibid. cit
6 Arkiv. Parr – Lib. 48
7 Arkiv. Parr – Lib. 56
8 Arkiv. Parr – Lib. 48
9 Arkiv. Parr – Lib. ibid. cit.
10 Arkiv. Parr – Lib. ibid. cit.
11 Arkiv. Parr – Lib. ibid. cit.
12 Arkiv. Parr – Lib. 56
13 Arkiv. Parr – Lib. 56 A.


